MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2004

Appell Kriminali Numru. 237/2003

**Il-Pulizija**

**vs**

**Mario Noel Grech**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Mario Noel Grech talli fil-15 ta' Novembru, 2002, ghall-habta ta' 1.45pm, fil-Qasam Industrijali Mriehel, Qormi, saq vettura Nru CBS-400

1 b'manjiera traskurata;
2 perikoluza;
3 u aktar b' nuqqas ta' hsieb bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti habat ma' vettura Nru FBC–626 u

nvolontarjament ikkagunalha hsara ghad-dannu ta’ Dario Borg.

Il-prosekuzzjoni talbet li jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) BHALA Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-14 ta’ Novembru 2003 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lil imsemmi Mario Noel Grech hati "tal-akkadut" u kkundannatu ghal multa ta’ mitt lira Maltin (Lm100) u skwalifika mill-licenzja tas-sewqan ghal perijodu ta’ tliet xhur;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Mario Noel Grech, minnu prezentat fis-26 ta’ Novembru, 2003 li permezz tieghu talab ir-revoka tal-imsemmija sentenza in kwantu tiddikjarah mhux hati u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni fis-seduta ta' l-1 ta' Marzu 2004;

Ikkunsidrat:

Fir-rikors ta' appell tieghu l-appellant igib 'il quddiem diversi aggravji. L-ewwel li se tittratta din il-Qorti huma t-tielet u t-tieni aggravji f'dik l-ordni peress li permezz taghhom l-appellant isostni li s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti hija nulla.

Skond it-tielet aggravju, l-appellant ighid li l-ewwel Qorti semghet il-kawza minghajr ma l-appellant (allura imputat) kien debitament rapprezentat permezz ta' difensur legali. Ighid li huwa kien informa lill-ewwel Qorti min kien l-avukat tal-fiducja tieghu u minflok ma ipposponiet bi ftit minuti s-smiegh tal-kawza sabiex l-appellant isib l-avukat tal-fiducja tieghu, ordnat il-prosegwiment tas-smiegh tal-kawza, u dan bi ksur ta' l-artiklu 519 tal-Kodici Kriminali.

Dan, skond l-appellant, iwassal ghan-nullita` tas-sentenza.

Din il-Qorti hi tal-fehma li dan l-aggravju, li waqt it-trattazzjoni orali ma sar l-ebda accenn ghalih mid-difensur ta' l-appellant, m'ghandux jigi milqugh. Minn ezami tal-verbal tas-seduta ta' l-14 ta' Novembru 2003 quddiem l-ewwel Qorti jirrizulta li huwa minnu li l-appellant informa lill-ewwel Qorti min kien l-avukat tal-fiducja tieghu. Difatti hemm imnizzel li "Dr. Gavin Gulia ghall-imputat msejjah diversi drabi ma deherx". F'dan l-istadju dik il-Qorti pprosegwiet bis-smiegh tax-xhieda tal-prosekuzzjoni. Dan ghamlitu <u>korrettement</u> peress li ma jirrizultax li kien hemm talba ghall-assistenza legali da parti ta' l-imputat wara li l-avukat ta' fiducja tieghu ma kienx deher. Immedjatament wara li l-prosekuzzjoni ddikjarat li ma kellhiex aktar provi, mill-verbal imsemmi ta' l-14 ta' Novembru 2003 tirrizulta dikjarazzjoni fis-sens li <u>d-difiza</u> ma kellhiex provi xi tressaq, u dan b'dawn il-precizi kliem: "Id-difiza tiddikjara li m'ghandhiex provi". Din is-sitwazzjoni hi ghal kollox differenti minn dik fil-kawza citata mill-appellant **Il-Pulizija vs Bernard Grech** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-23 ta' Settembru 1998 (Vol. LXXXII.iv.353) fejn irrizulta li l-ewwel Qorti kienet saqsiet lill-imputat jekk huwa riedx jixhed u dan "wiegeb li ma jixtieqx jixhed fl-assenza ta' l-avukat difensur tieghu u li xhieda ma kellux". Fis-sentenza taghha din il-Qorti kienet qalet: *"B'dawn il-kliem u f'dana l-istadju l-imputat kien qieghed implicitament jitlob assistenza legali u ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha d-dmir li tipprovdi ghad-difiza gusta tieghu kif jitlob l-artikolu 519"*. Fil-kaz in ezami ghall-kuntrarju hemm dikjarazzjoni cara u inekwivoka <u>tad-difiza</u> (u mhux ta' l-imputat) li ma kellhiex provi. Dikjarazzjoni bhal din, bl-ebda tigbid ta' l-immaginazzjoni, ma tista tittiehed bhala xi talba implicita ghal assistenza legali.

Ghalhekk it-tielet aggravju hu respint.

Fit-tieni aggravju tieghu l-appellant ighid li l-gurisprudenza taghna dejjem enfasizzat il-fatt illi s-sentenza tal-Qorti ghandha tikkontjeni l-akkuza u ta' x'hiex l-akkuzat instab hati. Fil-kaz in ezami l-ewwel Qorti semplicement indikat

fis-sentenza taghha li sabet "lill-imputat responsabbli ghall-akkadut u ssibu hati" minghajr ma ndikat ta' liema mit-tliet akkuzi sabet lill-imputat hati.

L-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jiddisponi hekk:

**"Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat".**

Minn ezami tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti jirrizulta li hija ddikjarat il-htija ta' l-imputat minghajr ma ndikat ta' liema imputazzjonijiet kienet qed issibu hati. Immedjatament wara, l-ewwel Qorti ghaddiet biex tirreferi ghall-artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kap 65, indikazzjoni li kienet qed issib htija dwar l-ewwel zewg imputazzjonijiet, filwaqt li dwar it-tielet imputazzjoni baqghet kompletament siekta. Jekk kienet qed issib il-htija anke dwar din l-imputazzjoni - in vista tal-fatt li meta ddikjarat il-htija ma ghamlet l-ebda rizerva dwar it-tielet imputazzjoni - naturalment kellha tirreferi ghall-artikolu tal-ligi relattiv. Jekk mill-banda l-ohra kellha l-intenzjoni li tillibera lill-imputat minn dik l-imputazzjoni, kellha tghid hekk fis-sentenza taghha[1]. F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk din il-Qorti ssib li ma jirrizultax car mis-sentenza ta' x'hiex l-appellant gie misjub hati u kkundannat, u cioe` jekk hux tat-tliet imputazzjonijiet addebitati lilu fil-komparixxi jew jekk hux ghal tnejn minnhom biss. Konsegwentement din il-Qorti qed tilqa' l-pregudizzjali sollevata mill-appellant permezz tat-tieni aggravju tieghu u qed thassar u tannulla s-sentenza appellata u, a tenur tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 428 tal-Kodici Kriminali ser tghaddi biex tiddeciedi l-kaz mill-gdid fuq il-mertu.

Fil-kaz in ezami, l-unici zewg xhieda - li xehdu kemm quddiem l-ewwel Qorti kif ukoll quddiem din il-Qorti - kienu P.S. 160 Mario Mifsud u t-tabiba Dr. Claire Falzon. Jirrizulta li fil-15 ta' Novembru 2002 sehh incident

[1] Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 377 tal-Kodici Kriminali jipprovdi: **"Meta jinghalaq is-smigh tal-kawza, il-qorti, dak in-nhar stess, jekk jista' jkun, taghti s-sentenza, billi tillibera jew tikkundanna lill-imputat"**.

awtomobilistiku fil-Qasam Industrijali, Mriehel, bejn vettura Isuzu numru FBC 626 misjuqa minn certu Dario Borg u mutur Honda numru CBS 400 misjuq mill-appellant. Fuq il-post acceda P.S. 160 Mario Mifsud li hejja skizz u rapport dwar dan l-incident u li esebixxa kopja taghhom quddiem l-ewwel Qorti (ara fol. 10 sa 14). Mix-xiehda ta' Dr. Claire Falzon jirrizultaw il-feriti (uhud ta' natura gravi) li sofra l-appellant b'rizultat ta' dan l-incident. P.S. 160 Mario Mifsud xehed li hu kellem lis-sewwieqa u li dawn qalulu dak li eventwalment nizzel fir-rapport tieghu. F'dan ir-rapport, taht it-titlu "DRIVERS STATEMENT" (a fol. 11), naqraw testwalment hekk:

"CAR NO. FBC626
JIENA KONT QED INDUR BIL-MOD BL-INDICATOR TIXGHEL BIEX NIDHOL GHAND SIKA U F'DAQQA WAHDA DAHAL GO FIHA MIN NAHA TAL-LEMIN.

CAR NO. CBS400
HU KIEN WIEQAF BL-INDICATOR TIXGHEL JIENA MA HSIBTX LI SER JAQSAM X'HIN HAREG PRUVAJT NEVITAH BILLI GHAFAST IL-BARRA U HBATNA. MA HBATX MILL-EWWEL DIRETT. FL-AHHAR BICCA TKAXKART."

P.S. 160 ikkonferma bil-gurament li dan kien id-diskors li qalulu z-zewg sewwieqa meta kellimhom. Ix-xiehda tieghu, li ma gietx kontradetta, hija prova diretta ta' dak li, *a tempo vergine*, is-sewwieqa qalu lix-xhud meta kellimhom dwar l-incident. Hija prova ta' dak li s-sewwieqa ammettew mal-pulizija li raw u li ghamlu ezatt qabel l-incident u ta' kif, skond huma, sehh l-incident; altru mela milli *detto del detto* kif ighid l-appellant fl-ewwel aggravju tieghu. Dak li din il-Qorti trid tara hu jekk l-istqarrija ta' l-appellant mal-pulizija hijiex sufficjenti biex, flimkien mal-provi l-ohra limitati f'dan il-kaz, twassal ghall-konvinciment morali lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni tar-responsabilta` kriminali ta' l-appellant.

Mill-iskizz esebit jirrizulta li l-vettura misjuqa minn Dario Borg spiccat f'nofs ta' triq angolata lejn l-istabbiliment tas-Sika filwaqt li l-mutur spicca ma' l-art kompletament *wrong*

*side*. Iz-zewg vetturi kienu sejrin fl-istess direzzjoni b'dan li meta l-appellant iddecieda li seta' jissorpassa l-vettura misjuqa minn Dario Borg, din, skond hu, kienet wieqfa ghalkemm bl-*indicator* mixghul. Nonostante cio` l-appellant dehrlu li seta' jibqa' ghaddej peress li ma hasibx li l-vettura kienet ser taqsam. Jigifieri l-vettura, dejjem jekk titwemmen il-verzjoni ta' l-appellant, hasditu meta qabdet u daret lejn il-lemin.

Issa bhalma anke ntqal fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ivan Vella** fit-3 ta' Ottubru 2001, u citata mill-appellant, il-fatt li sewwieq jixghel l-*indicator* ma jaghtihx xi dritt assolut li jaghmel dak li qed jindika li bi hsiebu jaghmel peress li dan is-sinjal jindika biss l-intenzjoni tas-sewwieq, cioe` dik li juri fi zmien adegwat minn qabel x'inhi l-manuvra li jrid jaghmel. Din il-Qorti kompliet tghid hekk f'dik is-sentenza:

"Il-fatt li sewwieq jixghel l-*indicator* tieghu ma jfissirx li hu jista' jaqbad u jaghmel il-manuvra tieghu minghajr ma jiehu wkoll, u minn qabel, kull prekawzjoni mehtiega biex jara li ma jigix kawzat xi incident. L-obbligu tal-*'proper lookout'* , tas-sewqan prudenti, jibqa' xorta wahda fuq kull sewwieq, irrispettivament jekk jixghelx l-*indicator* jew le. L-*indicator* ismu mieghu, juri jew jindika biss dak li bi hsiebu jaghmel is-sewwieq, u ma jaghtih ebda dritt li jaghmel xi manuvra minghajr ma wkoll jesplora dak kollu li qed jigri madwaru.

Sewqan prudenti jitlob li meta wiehed sejjer jaghmel manuvra konsistenti f'*right hand turn* hu ghandu jixghel l-*indicator* f'hin u distanza adegwata qabel il-punt fejn irid jaghmel ir-*right turn'*, jieqaf ezattament qabel ma jibda jdur u jesplora t-triq sewwa, minn kull naha u angolu, sabiex jara li ghandu *'a clear way'* qabel ma jkompli bil-manuvra li jrid jaghmel. Hu biss wara li jara li ma hemm ebda traffiku iehor fil-vicinanzi tieghu li sewwieq prudenti ghandu jaghmel il-manuvra ta' *'a right hand turn'*. Ovvjament, sewwieq f'tali cirkostanzi jibqa' obbligat wkoll li jara anke jekk hemmx xi traffiku gej warajh jew jekk hemmx xi traffiku li gja` beda jissorpassah fil-mument li hu jibda jaghmel il-manuvra tar-*'right hand turn'*."

In-nuqqasijiet ta' min sejjer jaghmel *right hand turn* pero` ma jezonerawx awtomatikament lil min ikun gej minn warajh mir-responsabbiltajiet tieghu. Il-manuvra ta' sorpass effettivament hi manuvra delikata u ghandha ssir bil-prudenza mehtiega u biss meta s-sewwieq li jixtieq jeffettwa tali manuvra jkun assigura ruhu li jista' jaghmel hekk minghajr dannu jew periklu ghalih innifsu u ghal haddiehor. Fil-kaz in ezami l-appellant stess ammetta mal-pulizija li kien ra l-*indicator* tal-vettura ta' quddiemu tixghel. Pero` huwa ddecieda li jibqa' ghaddej u jeffettwa s-sorpass ghax "ma hasibx li ser jaqsam". Fil-fehma ta' din il-Qorti l-appellant wera nuqqas ta' prudenza meta, minflok ma assigura ruhu mill-manuvra li kienet ser taghmel dik il-vettura, dehrlu li seta' jibqa' ghaddej, f'liema mument allura l-vettura l-ohra bdiet iddur lejn il-lemin u kien tard wisq biex l-appellant jiehu azzjoni evaziva - ghalkemm ipprova - li setghet tevita l-kollizjoni. F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti hija tal-fehma li, filwaqt li ma jirrizultawx l-estremi tas-sewqan perikoluz, l-appellant ghandu jigi dikjarat hati ta' sewqan traskurat.

Inoltre, billi ma ngabux provi rigward it-tielet imputazzjoni, ma tistax tinstab htija dwar dik l-imputazzjoni.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi, wara li tannulla s-sentenza appellata ghar-ragunijiet fuq imsemmija, tiddeciedi l-kawza mill-gdid fil-mertu billi tiddikjara lill-appellant mhux hati tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet u minnhom tilliberah, izda ssibu hati ta' l-ewwel imputazzjoni u, wara li rat l-artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap 65, tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' hamsin liri Maltin (Lm50) u tiskwalifikah mil-licenza tas-sewqan ghal perijodu ta' tmint ijiem, liema perijodu jibda jiddekorri minn nofs il-lejl u minuta ta' ghada.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------